MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 1342/2001/1

**Joseph Galea.**

**-vs-**

**John Mary Bartolo.**

**Il-Qorti;**

Illi l-attur ghandu titolu ta' qbiela fuq porzjon art fl-inhawi maghrufa bhala tal-Ghadira limiti tal-Mellieha (immarkata b'X fil-pjanta annessa Dok. A), liema raba' jahdimha l-istess attur; u

Illi sabiex jaccedi ghal din ir-raba', l-attur jghaddi minn pasagg indikat bl-ahdar fil-pjanta annessa (Dok. A), u ilu jgawdi l-uzu ta' dan id-dritt ta' passagg bil-makkinarju tieghu ghall-aktar minn ghoxrin (20) sena; u

Illi l-konvenut ukoll ghandu titolu ta' qbiela fuq raba' li tinsab adjacenti ghal dan il-passagg; u

Illi ghall-ahhar ta' Mejju 2001, l-attur sar jaf illi l-konvenut arbitrarjament ostakola u ngombra l-passagg li l-attur abitualment juza fil-punt immarkat bl-ahmar fil-pjanta annessa (Dok. A) u dan kif jidher mill-annessi ritratti (Dok. B); u

Illi inoltre, l-konvenut ostakola dritt ta' passagg iehor indikat bhala *footh path* fil-pjanta annessa fil-punt immarkat bil-blu fl-istess pjanta u kif jidher mill-annessi ritratti (Dok. C); u

Illi per konsegwenza ta' dan l-ingombru, l-attur m'ghadx ghandu access ghar-raba' tieghu bil-makkinarju la mill-passagg originali kif ukoll mill-passagg l-iehor indikat bhala *foot path* fil-pjanta annessa (Dok. A); u

Illi dan l-ingombru jikkostitwixxi spoll klandestin u vjolenti tad-drittijiet tal-atturi fil-pusess u tgawdija tad-dritt ta' passagg bil-makkinarju, u dan anke bi ksur tal-kundizzjonijiet stipulati mid-Dipartiment tal-Artijiet fic-certifikat ta' rikonoxxoment (Dok. D); u

Illi ghalkemm interpellat anke b'ittra interpellatorja datata 28 ta' Mejju 2001, l-konvenut baqa' inadempjenti.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi l-konvenut kkommetta spoll klandestin u vjolenti ghad-danni tal-attur, ghar-ragunijiet premessi.

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju jirripristina z-zewg passaggi ghall-istat originali taghhom billi jnehhi l-ingombru li permezz tieghu l-konvenut qed iccahhad lill-attur dritt ta' passagg bil-makkinarju.

3. Fin-nuqqas tawtorizza lill-istess attur jaghmel dawn ix-xoghlijiet rimedjali a spejjez tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra interpellatorja kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ipprezentata fit-22 ta' Ottubru, 2001 li permezz taghha l-konvenuti eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi l-konvenut ma kkommetta ebda spoll kif qed jigi allegat.

2. Salvi Eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali u l-verbal tas-seduta tal-15 ta' Novembru, 2004 li permezz taghha l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Semghet it-trattazjoni tal-Avukati.

Ikkunsidrat.

Illi kif jidher car mic-citazzjoni din hija kawza ta' spoll. L-attur qed isostni illi l-konvenut ostakola u ngombra zewg passaggi li jaghtu ghal fuq il-proprjeta' tieghu u ghalhekk gie mpedut l-access bl-ingenji ghal go din il-proprjeta' tieghu. Kif hu maghruf huma tlieta r-rekwisiti biex l-azzjoni ta' spoll tirnexxi u dawn huma;

**1. il-pussess;**

**2. l-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-mohbi jew kontra l-volonta' tal-attur; u**

**3. li l-azzjoni ssir fi zmien xahrejn minn meta jkun sehh l-ispoll.**

Il-konvenut f'din il-kawza qed jeccepixxi li t-talbiet tal-attur m'humiex fondati fil-fatt u fid-dritt u li hu ma kkommetta ebda spoll. Kif jidher iktar b'mod car fid-dikjarazzjoni tieghu, huwa qed jallega illi l-passagg in kwistjoni dejjem kien wiesgha circa tlett piedi u kien l-attur li wessghu ghaliex jippretendi illi jghaddi b'ingenji kbar; ghalhekk kull ma ghamel kien li rega' pogga l-affarijiet ghal kif kienu qabel l-attur ghamel dan.

L-attur xehed a Fol 22 *et seq* tal-process. Qal li ghandu l-art in kwistjoni bi qbiela u l-konvenut ghandu raba' f'idejh fuq in-naha l-ohra tal-moghdija. Qal ukoll "*Sa qabel ma nqalghu c-cirkostanzi li bihom kelli niftah din il-kawza jien meta kont nidhol ghar-raba' f'idejja bl-ingenji kont insegwi l-meda tal-moghdija li hija mmarkata bil-lewn ahmar tal-parti l-wiesgha taghha. Nghid illi din il-moghdija ilha stabbilita ghal snin kbar.... Minn mindu r-raba' gie f'idejja jiena ma ghamilit ebda bdil fil-moghdija minn kif kienet meta r-raba' kien imqabbel ghand missieri... Sa .. l-ewwel ftit xhur tas-sena li ghaddiet qatt ma kelli diffikolatjiet mall-konvenut Bartolo fuq il-moghdija, madankollu kien ghamel xi proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati fejn akkuzani li kont hassartlu xi ucuh. Ftit taz-zmien wara beda kemm bil-fomm u kemm kif ha nispjega l'quddiem jilqghani milli nibqa' nghaddi. Mistoqsi mill-Qorti jekk rajtx lill-konvenut jaghmel il-gebel li semmejt u li jinsabu murija bhala Dok C f'pagna 7 nghid illi l-imharrek rajtu personalment. Il-gebel li ghadni kif semmejt illi sar biex ifixkilni milli nibqa' nuza l-moghdija huwa dak li fuq id-dokument ittra A f'pagna 5 tal-process huwa muri bil-lewn ahmar u lewn ikhal.*"

Kontro-ezaminat, l-attur insista li l-moghdija kienet wiesgha xi sitt jew sebgha piedi. Qal li t-*tractor* li kien jghaddi bih wiesgha hames piedi u kien jghaddi tajjeb ghalkemm ammetta li meta jkunu kibru d-dwieli jista' jaghti l-kaz li kienu jikbru fuq fejn kienet tghaddi l-moghdija.

Meta xehed rappresentant tad-Direttur tal-Artijiet dan esebixxa kopja tas-*site plan* relattiva. Meta gie mistoqsi fuq l-hekk imsejjha *foot path* qal li dan ma jfissirx li l-passagg in kwistjoni kien biss bir-rigel izda seta kien ukoll bil-bhima jew bil-karru.

Il-konvenut ippresenta affidavit a Fol 48 tal-process. Skond hu, l-attur *dahhalha f'rasu li jrid jghaddi bit-tractor li huwa wiesgha sitt piedi jew izjed u biex jghaddi minnha jrid iwaqqa' xi hitan u jghaddi minn fuq il-katusi u wkoll jghaddi minn fuq ir-raba' tieghi. ... Il-moghdija hija wiesgha bizzejjed biex wiehed jghaddi bil-mutur tal-hart. Il-gebel li semma Joseph Galea huwa gebel ta' hitan baxxi li hemm mall-genb tal-moghdija. Dawn il-gebel jien nichad li waqqghajthom jew qlibthom biex ma jghaddix (l-attur) bit-tractor. Dawna twaqqghu minn Joseph Galea stess biex jiffacilita' jghaddi bit-tractor u biex jirbah il-wiesgha. Inoltre biex jghaddi huwa ressaq il-kanali li semmejt qabel. Jien meta rajt il-gebel maqlub ergajt tellghajt il-hitan u poggejt il-kanali lura f'posthom kif kienu originarjament.*

Ix-xhud Charles Borg (li ghandu wkoll raba' fl-akkwata) li gie prodott mill-konvenut, qal a Fol 58 tal-process li hu dejjem jiftakar il-passagg b'wisa' ta' mhux iktar minn tlett piedi, u li fil-fatt originarjament kien jintuza bhala passagg bir-rigel izda mbaghad twessa biex jakkomoda muturi zghar tal-hart. Ikkonferma li mall-genb kien hemm katusa li pero' tnehhiet qabel ma nbdiet il-kawza u li kien hemm kanal tal-ilma. Qal li kien ra lill-attur icaqlaq xi gebel ghax ma setghax jghaddi bit-*tractor* in kwistjoni.

Fis-sentenza <u>Delia vs Schembri</u> (Prim'Awla - 4 ta' Frar, 1958) gie ritenut illi;

*L-azzjoni ta' spoll iservi biex tipprotegi l-pussess, ikun x' ikun .. li jigi vjolentement jew okkultament mehuda minn ghand il-possessur jew detentur u gie deciz kemm-il darba li tapplika*

*ukoll ghat-tutela tal-kwazi pussess tad-drittijiet legali u hija inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata .. jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li ghalkemm jista jkollu dritt ghalih ma jistghax jesercitah minghajr intervent tal-Qorti.*

Fi kliem Pacifici Mazzoni spoll vjolent huwa "*qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato*". (Vol III Sez. 52).

Kif gie ritenut fil-kawza Margherita Fenech vs Pawla Zammit deciza fit-12 ta' April, 1958;

*L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta' utilita' socjali milli fuq il-principju assolut ta' gustizzja hija eminentement intiza l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jigi mpedut lic-cittadin privat li jiehu l-Ligi f' idejh; b'mod li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat.*

Kif ukoll gie ritenut;

*Kif kellha okkazjoni tesprimi ruhha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indagini li trid issir hija wahda limitatissima, rigoruza u skarna u ma tinsab f'ebda legislazzjoni ohra u kompliet tghid illi ghalhekk indaginijiet ibbazati fuq x'jghidu u ma jghidux guristi u awturi Francizi u Taljani huma ghal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament guridiku taghna – Appell Civili – Cardona vs Tabone – deciza fid-9 ta' Marzu, 1992).*

Fil-kaz in kwistjoni pero' tqum il-problema addizzjonali dwar jekk japplikax il-principju *vim vi ripellere licet*. Il-konvenut qed jammetti illi pogga l-gebel in kwistjoni izda qed jghid li kull ma ghamel kien li rega' poggihom ghaliex kien l-attur li nehhihom arbitrarjament biex jghaddi bit-*tractor* li hu wiesgha hames piedi. Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza Camilleri vs Bonello (5 ta' Ottubru, 1998);

*F'azzjoni possessorja ta' din ix-xorta l-att turbattiv tal-pussess li ta' lok ghaliha ghandu dejjem ikun identifikabbli u ghandhu jigi bi precizjoni identifikat (spolitaum fuisse) bhala fatt li sar fi zmien determinat mhux biss ghaliex mill-mument meta javvera ruhu li d-dekadenza estintiva ta' l-azzjoni jibda jiddekorri imma ukoll ghaliex it-talba jehtieg tkun ghar reintegrazzoni ta' l-attur..*

Il-Qorti ccitat sentenza antika (Vol XXIV pt 1 pagna 281) illi rriteniet;

*Dell'altro canto chi rimuove ostacoli trovati el passaggio alle proprie terre per apririvi l'accesso che prima possedeva non fa' atto violento, ne' commette spoglio, ne' si fa' giustizia da se ma esercita' il su diritto entro' i limiti del suo possesso, o meglio, afferma e continua il proprio possesso di cui era in godimento legittimo che fu turbato da chi ha posto quegli ostacoli.*

Il-Qorti mbghad qalet li dan naturalment japplika *a contrario senso.* Naturalment din l-azzjoni tal-konvenut trid tkun saret immedjatament wara li jkun sar l-ispoll tal-attur biex tkun gustifikata (ara ukoll is-sentenzi Pellegrini Petit vs Sammut – Appell 16 ta' Jannar, 1920 u Sammut vs Sammut – Prim'Awla 31 ta' Jannar, 2003).

Il-konvenut jidher li qed jopponi li l-attur jghaddi bit-*tractor* ghaliex il-moghdija tmiss ma' l-ghalqa li jahdem hu, u allura biex jghaddi, kif jidher mir-ritratti (Dok B) jolqot parti minn dwieli li ghandu fil-genb. Jidher ukoll illi l-passagg mhux ta' wiesgha uniformi izda fil-parti kontestata huwa pjuttost dejjaq u t-*tractor* ma jghaddix kif jidher fir-ritratt (minhabba l-gebel) izda jghaddi sew iktar 'il quddiem.

Fil-fehma tal-Qorti li gara kien dan. Huwa minnu li minn gol-passagg kienu jghaddu biss bir-rigel u bil-mutur tal-hart. L-attur

qed jippretendi li jghaddi bit-*tractor* imsemmi, u hu probabbli li biex jaghmel dan mill-parti dejqa tal-passagg, laqat (forsi apposta) parti mill-hajt u waqqghu. Madankollu mhux il-parti tal-hajt li giet ostakolata izda n-naha l-ohra. Dan wiehed jista' jasal ghalih minn ezami tar-ritratti msemmija. Infatti n-naha tax-xellug (meta thares mill-faccata u cioe' n-naha tar-ritratt) ma hemmx gebel hlief dawk li qed jitlob ir-rimozzjoni taghhom l-attur izda biss dwieli. Il-gebel qieghed in-naha l-ohra. Ghalhekk minn zewg nofs veritajiet (ghax hadd ma qabillu jghid il-verita' shiha) wiehed jista' jasal ghal dak li probabilment gara.

Ghalhekk fil-waqt li hu minnu li l-konvenut irreagixxa ghal dak li ghamel l-attur, ma ghamlux fil-punt ezatt fejn sar l-ispoll da parti tal-attur. Il-Qorti ma tistax pero' tippermetti lil min gie spoljat li jaghmel spoll band'ohra (anke jekk vicin hafna) biex jiddefendi ruhu ghaliex dan ma jigix jinkwadra fil-principju imsemmi ta' *vim vi ripellere licet.* Dan ghaliex il-konvenut ma reggax l-istat ta' fatt ghal dak li kien qabel gie spoljat izda biddel l-istat ta' fatt ghalkemm ir-rizultat ahhari jista' jkun li kien l-istess. Id-differenza qeghda li fil-waqt li qabel l-attur seta' jghaddi billi jwaqqa' l-gebel fil-waqt li jkun ghaddej, kif pogga l-gebel il-konvenut l-attur qatt ma jista' jghaddi. Naturalment lanqas il-Qorti ma tista' tidhol fil-mertu ta' jekk l-attur ghandux dritt jidhol bit-*tractor* ghax dik hija kwistjoni petitorja u mhux possessorja.

L-attur fic-citazzjoni qed jitlob ukoll dikjarazzjoni ta' spoll rigward l-hekk imsejjha *foot path* izda *oltre* r-ritratti u l-pjanta esebita stranament ma tressqu ebda provi fir-rigward. L-attur ma xehedx fuqha. Ghalhekk din it-talba ser tigi respinta.

**Ghaldaqstant il-Qorti tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut hlief kif ser jidher mid-decizjoni dwar it-talbiet u ghalhekk;**

**1. Tilqa’ l-ewwel talba u tiddikjara li l-konvenut ikkommetta spoll fir-rigward tal-passagg principali izda mhux tal-*foot path*;**

**2. Tikkundanna l-konvenut biex fi zmien xahar jirripristina l-passagg in kwistjoni ghall-istat pristinu originali tieghu billi jnehhi l-ingombru izda tichadha fir-rigward tal-imsemmija *foot path*;**

**3. Fin-nuqqas li l-konvenut jaghmel dan, tawtorizza lill-attur jaghmel ix-xoghol rimedjali msemmi hu a spejjes tal-konvenut;**

**L-ispejjes fic-cirkostanzi ghandhom jinqasmu ndaqs bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------